31976L0371

15.4.1976 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 102/1

L-EWWEL DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI
ta' l-1 ta' Marzu 1976
li tistabbilixxi metodi Komunitarji ta' teħid ta' kampjuni għall-kontroll uffiċjali ta' għalf

(76/371/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-20 ta' Lulju 1970 dwar l-introduzzjoni ta' metodi Komunitarji għat-teħid ta' kampjuni u analiżi għall-kontroll uffiċjali ta' għalf [1], kif l-aħħar emendati bl-Att ta' l-Adeżjoni [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tagħha,

Billi dik id-Direttiva teħtieġ li l-kontroll uffiċjali ta' għalf jitwettaq bl-użu ta' metodi Komunitarji ta' teħid tal-kampjuni u analiżi bl-iskop tal-kontroll ta' konformità mal-ħtiġiet li joriġinaw taħt id-disposizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew azzjoni amministrattiva li tikkonċerna l-kwalità u l-kompożizzjoni ta' għalf;

Billi, bħala l-ewwel stadju, metodi ta' teħid ta' kampjuni għandhom jiġu stabbiliti għall-kontroll tal-kostitwenti ta' għalf u l-addittivi tagħhom u għall-kontroll ta' sustanzi u prodotti indeżiderabbli, bl-eċċezzjoni ta' residwi ta' pestiċidi u mikro-organiżmi, li dan l-għalf jista' jikkontjeni;

Billi l-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li t-teħid ta' kampjuni għall-kontroll uffiċjali ta' għalf, fir-rigward tad-determinazzjoni ta' kostitwenti, addittivi u sustanzi u prodotti indeżiderabbli, bl-eċċezzjoni ta' residwi ta' pestiċidi u mikro-organiżmi, jitwettaq skond il-metodi deskritti fl-Anness ma' din id-Direttiva.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom, sa mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 1977 iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrativi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni bihom.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussel, l-1 ta' Marzu 1976.

Għall-Kummissjoni

P.J. LARDINOIS

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 170, tat-3.8.1970, p. 2.
[2] ĠU L 73, tas-27.3.1972, p. 14.

ANNESS

METODI GĦAT-TEĦID TAL-KAMPJUNI

1. L-ISKOP U L-QASAM TA' L-APPLIKAZZJONI

Kampjuni intiżi għall-kontroll uffiċjali ta' għalf, għall-kwalità u l-kompożizzjoni, għandhom jittieħdu skond il-metodi deskritti hawn taħt. Kampjuni hekk ottenuti għandhom jiġu kkunsidrati bħala rappreżentanti tal-porzjonijiet li ttieħdu kampjuni minnhom

2. UFFIĊJALI LI JIEĦDU L-KAMPJUNI

Il-kampjuni għandhom jittieħdu minn uffiċjali awtorizzati għal dak l-iskop mill-Istati Membri

3. DEFINIZZJONIJIET

Il-Porzjon li ttieħed kampjun minnu: Kwantità ta' prodott li jikkostitwixxi unità, u li jkollu karatteristiċi li huwa preżunt li huma uniformi.

Kampjun inkrementali: Kwantità meħuda minn punt fil-porzjon li ttieħed kampjun minnu.

Kampjun aggregat: Aggregat ta' kampjuni inkrementali meħuda mill-istess porzjon li ttieħed kampjun minnu.

Kampjun imnaqqas: Parti rappreżentattiva ta' l-aggregat tal-kampjun ottenut minn ta' l-aħħar bi proċess ta' tnaqqis.

Kampjun finali: A Parti tal-kampjun imnaqqas jew ta' l-aggregat tal-kampjun omoġenizzat.

4. L-APPARAT

4.1 L-apparat għat-teħid ta' kampjuni għandu jkun magħmul minn materjali li ma jistgħux jikkontaminaw il-prodotti li għandhom jittieħdu kampjuni minnhom. Dan l-apparat jista' jiġi uffiċjalment approvat mill-Istati Membri.

4.2 **Apparat rakkomandat biex jittieħdu kampjuni minn għalf solidu**

4.2.1 *It-Teħid manwali ta' kampjuni*

4.2.1.1 Pala bil-qiegħ ċatt bi ġnub vertikali.

4.2.1.2 Lanza għat-teħid ta' kampjuni b'qasma twila jew b'kompartimenti. Id-dimensjonijiet tal-lanza għat-teħid ta' kampjuni għandhom ikunu approprjati għall-karatteristiċi tal-porzjon li ttieħed kampjun minnu (il-fond tal-kontenitur, id-dimensjonijiet ta' l-ixkora, eċċ) u għad-daqs tal-partiċella ta' l-għalf.

4.2.2 *It-teħid mekkaniku ta' kampjuni*

Apparat mekkaniku approvat jista' jintuża għat-teħid ta' kampjuni ta' għalf li jiċċaqlaq.

4.2.3 *Diviżur*

Apparat idiżinjat biex jaqsam il-kampjun f'bejn wieħed u ieħor partijiet ugwali jista' jintuża biex jittieħdu kampjuni inkrementali u għall-preparazzjoni ta' kampjuni mnaqqsa u finali.

5. ĦTIĠIET KWANTITATTIVI

5.A **F' relazzjoni mal-kontroll ta' sustanzi jew prodotti distribwiti b'mod uniformi fl-għalf.**

5.A.1	*Porzjon li ttieħed kampjun minnu*	
	Id-daqs tal-porzjon tal-kampjun gandu jkun hekk li kull wada mill-partijiet li jikkostitwuh tista' tittieed kampjun minnha	
5.A.2	*Kampjuni inkrementali*	
5.A.2.1	Għalf maħlul:	Numru minimu ta' kampjuni inkrementali:
5.A.2.1.1.	porzjonijiet li ttieħdu kampjuni minnhom li ma jeċċedux 2.5 tunnellati metriċi	sebgħa
5.A.2.1.2	porzjonijiet li ttieħdu kampjuni minnhom li jeċċedu 2.5 tunnellati metriċi	√ 20 darba n-numru ta' tunnellati metri`i li jag]mlu l-porzjon li ttie]ed il-kampjun minnu (a), sa massimu ta' 40 kampjun inkrementali
5.A.2.2.	Għalf ippakkeġġat:	Numru minimu ta' pakketti li għandhom jittieħdu kampjuni minnhom (b):
5.A.2.2.1.	Pakketti ta' iktar minn kg:	
5.A.2.2.1.1.	porzjonijiet li ttieħdu kampjuni minnhom ta' wieħed sa erba' pakketti	il-pakketti kollha
5.A.2.2.1.2.	porzjonijiet li ttieħdu kampjuni minnhom ta' ħames sa sittax-il pakkett	erbgħa
5.A.2.2.1.3.	porzjonijiet li ttieħdu kampjuni minnhom ta' iktar minn 16-il pakkett	√ numru ta' pakketti li jag]mlu l-porzjon li ttie]ed il-kampjun minnu (a), sa massimu ta' 20 pakkett
5.A.2.2.2.	Pakketti li ma jeċċedux 1 kg	erbgħa
5.A.2.3.	Għalf likwidu jew semi-likwidu:	Numru minimu ta' kontenituri li għandhom jittieħdu kampjuni minnhom (b):
5.A.2.3.1.	Kontenituri ta' iktar minn litru:	
5.A.2.3.1.1.	porzjonijiet li ttieħedu kampjuni minnhom ta' wieħed sa erba' kontenituri	il-kontenituri kollha
5.A.2.3.1.2.	porzjonijiet li ttieħedu kampjuni minnhom ta' ħames sa 16-il kontenitur	erbgħa
5.A.2.3.1.3.	porzjonijiet li ttieħdu kampjuni minnhom ta' iktar minn 16-il kontenitur	√ numru ta' kontenituri li jag]mlu l-porzjon li ttie]ed il-kampjun minnu (a), sa massimu ta' 20 kontenitur
5.A.2.3.2.	Kontenituri li ma jeċċedux litru	erbgħa
5.A.2.4.	Blokok ta' l-għalf u *licks* minerali	Numru minimu ta' blokok jew *licks* li għandhom jittieħdu kampjuni minnhom (b): blokka jew *lick* waħda għal kull ta' 25 unità li ttieħed kampjun minnu, sa massimu ta' erba' blokok jew *licks*
5.A.3	*Kampjun aggregat*	
	Kampjun aggregat singolu għal kull porzjon li ttieħed kampjun minnu hu meħtieġ. L-ammont totali f'kampjuni inkrementali li jagħmlu l-kampjun aggregat m'għandux ikun inqas minn dan li ġej:	
5.A.3.1.	Għalf maħlul	4 kg
5.A.3.2.	Għalf ippakkeġġat:	

(a) Meta n-numru ottenut huwa frazzjoni, għandu jigi ttundjat għan-numru shih ta' wara
(b) Għal pakketti jew kontenituri li l-kontenut taghhom ma jeccedix 1 kg jew litru u għal blokok jew licks li ma jiznux iktar minn 1 kg kull wieħed, kampjun inkrementali għandu jkun il-kontenut ta' pakkett jew kontenitur originali wieħed, blokka waħda jew lick waħda

5.A.3.2.1.	pakketti ta' mhux iktar minn 1kg	4 kg
5.A.3.2.2	pakketti li ma jeċċedux 1kg	il-piż tal-kontenut ta' erba' pakketti oriġinali
5.A.3.3.	Għalf likwidu jew semi-likwidu:	
5.A.3.3.1.	kontenituri ta' iktar minn litru	erba' litri
5.A.3.3.2.	kontenituri li ma jeċċedux litru	il-volum tal-kontenut ta' erba' kontenituri oriġinali
5.A.3.4.	Blokok ta' l-għalf jew *licks* minerali:	
5.A.3.4.1.	li kull wieħed minnhom jiżen iktar minn 1 kg	4 kg
5.A.3.4.2.	li kull wieħed minnhom ma jiżinx iktar minn 1 kg	il-piż ta' erba' blokok jew *licks* oriġinali

5.A.4 *Kampjuni finali*

Il-kampjun aggregat jagħti l-kampjuni finali mat-tnaqqis meta neċessarju. L-Analiżi ta' mill-inqas kampjun finali wieħed hija meħtieġa. L-ammont fil-kampjun finali għall-analiżi m'għandux ikun inqas minn dan li ġej:

Għalf solidu	500 g
Għalf likwidu jew semi-likwidu	500 ml

5.B **F'relazzjoni mal-kontroll ta' sustanzi jew prodotti indesiderabbli li x'aktarx jiġu distribwiti mingħajr uniformità fl-għalf, bħal aflatossiċi, *rye ergot*, il-pjanta taż-żejt *castor* u *crotalaria* f'għalf dirett** (ċ)

5.B.1 *Porzjon li ttieħed kampjun minnu: ara 5.A.1.*

5.B.2 *Kampjuni inkrementali*

5.B.2.1 Għalf maħlul: ara 5.A.2.1.

5.B.2.2.	Għalf ippakkeġġat	Numru minimu ta' pakketti li għandhom jittieħdu kampjuni minnhom:
5.B.2.2.1.	porzjonijiet li ttieħdu kampjuni minnhom li jikkonsistu minn wieħed sa erba' pakketti	il-pakketti kollha
5.B.2.2.2.	porzjonijiet li ttieħdu kampjuni minnhom li jikkonsistu minn iktar minn 16-il pakkett	erbgħa
5.B.2.2.3.	porzjonijiet li ttieħed kampjun minnhom li jikkonsistu f'iktar minn 16-il pakkett	$\sqrt{}$ numru ta' pakketti li jag]mel il-porzjon li ttie]ed il-kampjun minnu (a), sa massimu ta' 40 pakkett

5.B.3 *Kampjuni aggregati*

In-numru ta' kampjuni aggregati jvarja skond id-daqs tal-porzjon li ttieħed il-kampjun minnu. In-numru minimu tal-kampjuni aggregati għal kull porzjon li ttieħed il-kampjun minnu hu mogħti hawn taħt. Il-piż totali tal-kampjuni inkrementali li jagħmlu kull kampjun aggregat m'għandux ikun inqas minn 4 kg.

(a) Meta n-numru ottenut huwa frazzjoni, għandu jigi ttundjat għan-numru shih ta' wara
(ċ) Għal għalf ippakkeġġat, parti mill-kontenut tal-pakketti li għandu jittieħed kampjun minnhom għandha titneħħa, bl-użu ta' lanza jew pala, wara li l-pakketti jkunu ġew żvujtati separatament, jekk neċessarju.

5.B.3.1 Għalf maħlul

Id-Daqs tal-porzjon li ttieħed il-kampjun minnu f'tunnellati metriċi	In-numru minimu ta' kampjuni aggregati għal kull porzjon li ttieħed il-kampjun minnu:
sa 1	1
iktar minn 1 u sa 10	2
iktar minn 10 u sa 40	3
iktar minn 40	4

5.B.3.2

5.B.3.2. Għalf ippakkeġġat daqs tal-porzjon li ttieħed il-kampjun minnu f'numru ta' pakketti	Numru minimu ta' kampjuni aggregati għal kull porzjon li ttieħed il-kampjun minnu
1 sa 16	1
17 sa 200	2
201 sa 800	3
iktar minn 800	4

5.B.4 *Kampjuni finali*

Kull kampjun aggregat jagħti l-kampjuni finali mat-tnaqqis. L-Analiżi ta' mill-inqas kampjun finali wieħed għal kull kampjun aggregat hija meħtieġa. Il-piż tal-kampjun finali għall-analiżi ma jistax ikun inqas minn 500 g.

6. ISTRUZZJONIJIET BIEX JITTIEĦDU, JIĠU PPREPARATI U PPAKKJATI L- KAMPJUNI

6.1 **Ġenerali**

Il-kampjun għandu jittieħed u jiġi ppreparat malajr kemm jista' jkun waqt li wieħed iżomm f'moħħu l-prekawzjonijiet neċessarji sabiex jiġi assigurat li l-prodott la hu mibdul u lanqas ikkontaminat. Strumenti u wkoll superfiċi u kontenituri intiżi biex jirċievu kampjuni għandhom ikunu nodfa u niexfa.

6.2 **Kampjuni inkrementali**

6.2.A *F'relazzjoni mal-kontroll ta' sustanzi jew prodotti distribwiti b'mod uniformi fl-għalf*

Il-Kampjuni inkrementali għandhom jittieħdu kif ġie ġie fil-porzjon kollu tal-kampjun u għandhom ikunu bejn wieħed u ieħor ta' daqsijiet ugwali.

6.2.A.1 Għalf maħlul

Diviżjoni immaġinarja għandha tkun magħmula mill-porzjon li ttieħed kampjun minnu f'numru ta' bejn wieħed u ieħor partijiet ugwali. Numru ta' partijiet li jikkorrispondu għan-numru ta' kampjuni inkrementali meħtieġ skond 5.A.2. għandu jintgħażel bl-addoċċ u mill-inqas kampjun wieħed meħud minn dawn il-partijiet.

Meta approprjat, it-teħid ta' kampjuni jista' jitwettaq meta l-porzjon li ttieħed il-kampjun minnu jiġi spustjat (it-tagħbija jew il-ħatt).

6.2.A.2 Għalf ippakkjat

Wara li jkun intgħażel in-numru meħtieġ ta' pakketti għat-teħid ta' kampjuni kif indikat f' 5.A.2, parti mill-kontenut ta' kull pakkett għandha titneħħa bl-użu ta' lanza jew pala. Meta neċessarju l-kampjuni għandhom jittieħdu wara li l-pakketti jiġu żvujtati separatament.

6.2.A.3 Likwidu omoġenju jew omoġenizzabbli jew għalf semi-likwidu

Wara li jkun intgħażel in-numru meħtieġ ta' kontenituri għat-teħid ta' kampjuni kif indikat f' 5.A.2, il-kontenut għandu jiġi omoġenizzat jekk neċessarju u ammont meħud minn kull kontenitur.

Il-kampjuni inkrementali jistgħu jittieħdu meta l-kontenut jiġi skarikat

6.2.A.4 Għalf likwidu jew semi-likwidu, non-omoġenizzabbli

Wara li jkun intagħżel in-numru meħtieġ ta' kontenituri għat-teħid ta' kampjuni kif indikat f' 5.A.2., il-kampjuni għandhom jittieħdu minn livelli differenti.

Jistgħu ukoll jittieħdu kampjuni meta l-kontenut jiġi skarikat imma l-ewwel frazzjonijiet għandhom jintremew:

Fi kwalunkwe każ il-volum totali meħud m'għandux ikun inqas minn 10 litri

6.2.A.5 Blokok ta' l-għalf u *licks* minerali

Wara li jkun intgħażel in-numru meħtieġ ta' blokok jew *licks* għat-teħid tal-kampjuni kif indikat f' 5.A.2, parti minn kull blokka jew *lick* għandha tittieħed.

6.2.B *F'relazzjoni għall-kontroll ta' sustanzi jew prodotti indeżiderabbli li x'aktarx jiġu distribwiti mingħajr uniformità fl-għalf, bħal aflatossi1i, rye ergot, il-pjanta taż-żejt castor u crotolaria f'għalf dirett.*

Diviżjoni immaġinarja għandha tkun magħmula mill-porzjon li ttieħed kampjun minnu f'numru ta' bejn wieħed u ieħor partijiet ugwali, li jikkorrispondu għan-numru ta' kampjuni aggregati previsti f' 5.B.3. Jekk dan in-numru huwa ikbar minn wieħed, in-numru totali ta' kampjuni inkrementali previst f' 5.B.2. għandu jiġi distribwit bejn wieħed u ieħor ugwalment fil-partijiet differenti.Imbagħad ħu kampjuni ta' bejn wieħed u ieħor daqsijiet ugwali ([d]) u b'tali mod li l-ammont totali fil-kampjuni minn kull parti mhuwiex inqas mill-minimu 4 kg kwantità meħtieġa għal kull kampjun aggregat. Kampjuni inkrementali meħuda minn partijiet differenti m'għandhomx jiġu aggregati

6.3 **Il-preparazzjoni ta' kampjuni aggregati**

6.3.A *Fir-rigward tal-kontroll ta' sustanzi ta' prodotti distribwiti b'mod uniformi fl-għalf*

Il-kampjuni inkrementali għandhom jiġu mħallta biex jiffurmaw kampjun aggregat wieħed.

6.3.B *Fir-rigward tal-kontroll ta' sustanzi jew prodotti indeżiderabbli li x'aktarx jiġu distribwiti mingħajr uniformità fl-għalf, bħal aflatossiċi, rye ergot, il-pjanta taż-żejt castor u crotalaria f'għalf dirett.*

Il-kampjuni inkrementali minn kull parti tal-porzjon li ttieħed il-kampjun minnu għandhom jiġu mħallta u n-numru tal-kampjuni aggregati previst f'5.B.3, miżjud waqt li jkun hemm attenzjoni għall-oriġini ta' kull kampjun aggregat.

6.4 **Il-preparazzjoni ta' kampjuni finali**

Il-materjal f'kull kampjun aggregat għandu jiġi mħallat b'attenzjoni sabiex jiġi ottenut kampjun omoġenizzat ([e]) . Jekk neċessarju l-kampjun aggregat għandu l-ewwel jitnaqqas għal mill-inqas 2 kg jew żewġ litri (kampjun imnaqqas jew bl-użu ta' diviżur mekkaniku jew bil-metodu tal-qsim.

Mill-inqas tliet kampjunu finali għandhom imbagħad jiġu ppreparati, ta' bejn wieħed u ieħor l-istess ammont u li jikkonformaw mal-ħtiġiet kwantitattivi ta' 5.A.4 jew 5.B.4. Kull kampjun għandu jitqiegħed f'kontenitur approprjat. Il-prekawzjonijiet kollha neċessarji għandhom jittieħdu biex tiġi evitata kull bidla ta' kompożizzjoni tal-kampjun, kontaminazzjoni jew adulterazzjoni li tista' tiġi kkawżata tul it-trasportazzjoni jew il-ħażna.

(d) Kull boċċa għandha titkisser (jekk neċessarju billi jiġu separati u rritornati għall-kampjun) f'kull kampjun aggregat separatament.
(e) Il-metodi previsti f' 5A huma għal użu fil-kontroll ta' aflatossiċi, *rye ergot*, pjanta taż-żejt *castor* u *crotalaria* f' għalf komplet u supplimentari.

6.5 **L-ippakkeġġar ta' kampjuni finali**

Il-kontenituri ta' pakketti għandhom ikunu ssiġillati u ttikkettati (it-tikketta totali għandha tkun inkorporata fis-siġill) b'tali mod li ma jistgħux jinfetħu mingħajr ma jiġi ddanneġġjat is-siġill

7. IR-REĠISTRU TAL-KAMPJUNI

Għandu jinżamm reġistru ta' kull teħid ta' kampjuni, li jippermetti li kull porzjon li jkun ittieħed kampjun minnu jiġi identifikat mingħajr ambigwità.

8. ID-DESTINAZZJONI TA' KAMPJUNI

Għal kull kampjun aggregat, mill-inqas kampjun finali wieħed għandu jintbagħat malajr kemm jista' jkun fil-laboratorju analitiku awtorizzat, flimkien ma' l-informazzjoni neċessarja għall-analist.